# L-Isqof Dumnikan Mons. Fr. Angelo Portelli

## O.P., S.Th.M.



*minn Mario Fenech*

*Wieħed mill-Patrijiet Dumnikani li jibqa' jissemma għax-xogħol pastorali u soċjali tiegħu, bla dubju ta' xejn huwa Mons. Angelo Portelli.*

Twieled fil-Belt Valletta nhar l-24 ta' April 1852. Iben Francesco u Maria Antonia Vella. Irċieva s-Sagrament tal-Magħmudija l-għada stess fil-knisja ta' San Pawl u ġie mogħti l-isem ta' Francesco Saverio. Għalkemm kien ġej minn familja fqira, huwa xorta waħda studja l-ewwel tagħlim tiegħu u nhar it-13 ta' Frar, 1868 huwa ngħaqad mal-Patrijiet Dumnikani fil-kunvent tar-Rabat. Minn dakinhar 'il quddiem beda jissejjaħ bl-isem ta' Fra Angelo.

Fra Anġ Portelli, wara li pprofessa, flimkien man-novizzi l-oħra niżel fil-**Kunvent Dumnikan tal-Lunzjata tal-Birgu** biex jibda l-istudju tiegħu. Hawnhekk sab bħala reġġent ta' l-istudju lill-majjistru P. Rafel Zahra O.P. u bħala surmast ta' l-istudent lill-majjistru P. Ġjaċint G. Vassallo O.P. Wara mar mill-ġdid fil-kunvent tar-Rabat.

Ġie ordnat saċerdot f'Noto fi Sqallija, nhar id-29 ta' Novembru 1874. Wara dan huwa ma waqafx mill-istudji tiegħu u sentejn wara ggradwa fit-Teoloġija. Beda jgħallem il-Filosofija u t-teoloġija, kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Taljana.

Wara seba' snin sħaħ ta' tagħlim, P. Anġ kellu l-jedd jersaq għall-eżami msejjaħ **AD GRADUS**, bi tħejjija għal-lawrja ta' majjistru



*Fra Angelo Portelli O.P. meta ntgħażel Pirjol tal-Kunvent Dumnikan tal-Lunzjata tal-Birgu fit-30 ta' Lulju 1883.*

fit-teoloġija. Fi tmiem is-sena skolastika 1882-83, kien diġà beda jħejji ruħu għal dan l-eżami iebes, meta l-patrijiet tal-**Kunvent Dumnikan tal-Lunzjata tal-Birgu**, fit-30 ta' Lulju 1883, għoġobhom jagħżluh Pirjol tal-kunvent tagħhom, meta bil-kemm kellu 31 sena. Fit-treġija tal-kunvent P. Anġ wera għaqal mhux komuni għal nies ta' l-età tiegħu. P. Anġ kien iħossu aktar miġbud biex jgħallem milli biex irieġi! Aċċetta kontra qalbu bil-ħsieb li malli jtemm it-tliet snin ta' Pirjol, jerġa' jitla' r-Rabat biex jissokta jgħallem. Għalhekk, biex ma jitlifx l-opportunità li jsir majjistru, baqa' jistudja xorta waħda. Kien għadu ma temmx it-tliet snin tal-prijurat tal-Birgu, meta l-provinċjal P. Gejtan T. Galea, fl-1886, sejjaħlu mill-ġdid fil-kunvent tar-Rabat biex ikun wieħed miż-żewġ moderaturi tal-kulleġġ ta' l-istudji tal-Provinċja li kien għadu kemm ġie mgħolli għall-grad ta' studji ġenerali. Dam jgħallem 14-il sena fejn sa dan it-tant ingħata d-Diploma ta' *Magister in Sacra Theologia*. Ġie maħtur ukoll Mastru tan-Novizzi tal-Provinċja f'Malta.



*L-Isqof Dumnikan Mon. Fra Angelo Portelli O.P., S. Th. M.*

Fl-1891 ta' veru reliġjuż Dumnikan kien iħoss il-bżonn li jqassam aħjar mill-ħażna ta' għerf u tjubija li kellu maħżuna f'moħħu u f'qalbu. Imma dan ma setax jagħmlu sewwa mill-kunvent tar-Rabat li sa dak iż-żmien kien għadu iżolat minn kulħadd, għax il-kommunikazzjonijiet mal-bqija ta' Malta kienu għadhom wisq diffiċli. Is-superjuri fl-aħħar fehmu tajjeb dawn s-sentimenti tiegħu, għalhekk bagħtuh **il-Birgu, fil-kunvent Dumnikan tal-Lunzjata**. F'dan iż-żmien kien direttur tat-**Terz'Ordni Dumnikan fil-Birgu**.

Kien imfittex ħafna għall-priedki li kien jagħmel, tant li fl-1893 huwa mar jagħmel l-Eżerċizzi Spiritwali fil-**Katidral ta' Vercelli f'Lixandra**, u fl-1908 f'**Ruma fil-knisja ta' Santa Minerva**.

Il-kwalitajiet li kellu Patri Anġ, wassluh biex jiġi magħżul mill-Provinċja Dumnikana ta' Malta biex imexxi l-parroċċa tal-Portu Salvu fil-Belt għall-perjodu ta' sitt snin. Irridu niftakru li fil-bidu tas-seklu għoxrin, din il-parroċċa tal-Belt ma kinitx kif nafuha llum. Il-popolazzjoni kienet ferm akbar minn dik tal-lum, u l-faqar kien xi ħaġa li diffiċli biex tispjegah. Nies jgħixu fi kmamar mudlama u umdużi, familji numerużi u mingħajr livell ta' edukazzjoni primarja, u xogħol ftit li xejn. Il-Ministeru tiegħu f'din il-parroċċa kien wieħed iebes. Iżda l-mod tiegħu ta' kif kien imur man-nies kien ġiegħel lill-parruċċani biex jaraw fih Missier ħanin li dejjem ikun lest biex jgħin lil dawk fil-bżonn.

Fl-1901 il-patrijiet tal-Birgu reġgħu għażluh Pirjol tal-kunvent tagħhom, imma billi dak iż-żmien kien kappillan tal-parroċċa tal-Belt, ma aċċettax.

Ma kinitx xi ħaġa li ssir ta' spiss li l-Arċisqof jaħtar patri minflok qassis biex imexxi s-Seminarju, għalhekk jidher li dan Patri Anġ kien ta' kapaċitajiet kbar, għaliex l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pietru Pace għażlu biex ikun Eżaminatur fis-Seminarju. Ġie magħżul kemm-il darba biex imexxi jew jagħmel parti minn kummissjoni li tkun ġiet imwaqqfa b'xi skop partikolari, kien hemm okkażjonijiet oħrajn fejn huwa kontra qalbu kellu jirrifjuta wħud minn dawn in-nomini għaliex kien ikun mgħobbi wisq bix-xogħol. Waħda minn dawn il-proposti li kien irrifjuta kienet dik li kien għamillu l-Isqof ta' Għawdex Mons. J.M. Camilleri biex ikun r-Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex.

Fl-20 ta' Awissu 1907, kien għamel waħda mill-isbaħ orazzjoni funebri fl-okkażjoni tal-

funeral għal ħabibu P. Dumink Pace O.P. fil-**Knisja Dumnikana tal-Lunzjata tal-Birgu**.

Nhar id-19 ta' Awissu 1910 Patri Anġ inħatar Viżitatur Appostoliku ta' l-Ordnijiet Reliġjużi femminili tad-Djoċeżi ta' Malta. Fit-12 ta' Marzu 1911, il-Papa Piju X ħatru Isqof Awżiljarju. Il-kumitat, il-membri u l-bandisti ta' l-**Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tal-Birgu** kienu minn ta' l-ewwel li marru jifirħlu għall-ħatra ġdida tiegħu. Bħala rigal il-Komunità Dumnikana tal-Birgu offrietlu L20 għall-ispejjeż.

Ġie kkonsagrat Isqof fil-Kon Katidral ta' San Ġwann nhar l-14 ta' Mejju 1911, mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Pietru Pace, l-Arċisqof ta' Siracusa Mons. Luigi Bignami u l-Isqof ta' Acireale Mons. L. Arista. Waqt li l-parilja bl-Isqfijiet għaddiet mat-toroq tal-Belt, wara l-kavallerija tal-Pulizija imxew iż-żewġ Baned Dumnikani: **Il-Prince of Wales Own tal-Birgu u l-King's Own tal-Belt** li matul it-triq kollha daqqew marċi ferrieħa. Waqt ir-riċeviment fil-kunvent, il-**Banda Prince of Wales tal-Birgu u l-King's Own tal-Belt** daqqet biċċiet magħżulin, waħda fuq it-terazzin u l-oħra fuq il-bejt tal-kunvent.

Din il-ħatra ta' Isqof Awżiljarju kienet il-Preludju ta' ħatra oħra importanti li kien se jiġi mogħti Mons. Angelo Portelli O.P. ftit taż-żmien wara. Din il-ħatra kienet dik ta' Viċi President tal-Kumitat Organizzattiv tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta fl-1913. Kellu wkoll il-kariga ta' President ta' wieħed mis-sotto kumitati ta' l-istess Kungress.

Kien għamel id-diskors tal-ftuħ tal-Kungress fil-Mosta fejn indirizza lid-Dinjitarji preżenti bil-lingwa Taljana. Bosta kienu dawk li kellhom kliem ta' tifħir għal dan id-diskors ta' l-Isqof Portelli.

Kollox kien jidher li dan l-Isqof Awżiljarju kien se jieħu l-post ta' l-Isqof Pietru Pace wara l-mewt tiegħu nhar id-29 ta' Lulju 1914. iżda ma seħħx għaliex f'Jannar 1915 il-Papa Piju X ħatar lill-Mons. Dom Maurus Caruana bħala Isqof. Kien hemm ħatriet oħrajn li ġew offruti lill-Isqof Portelli. Iżda rrifjuthom, wara dan nhar it-2 ta' Marzu 1915 huwa ġie maħtur Vigarju Ġenerali Delegat. Kien strumentali biex flimkien ma' Mons. Ġużeppi de Piro jikkalma l-irjus sħan tan-nies waqt l-irvellijiet tas-Sette Gunio 1919.

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Ottubru 1916, Mons. Portelli kkonsagra **l-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata tal-Birgu**, assistit minn Mons. Dun Alwiġ Camilleri u Mons. Dun Mikiel Farrugia. Fl-altar maġġur qiegħed ir-relikwi ta' San Pietru martri, San Beninju, San Awrelju u Santa Vittorja. Wara l-konsagrazzjoni, qaddes fuq l-altar maġġur. Il-knisja ddedikaha lil **Marija SSma Annunzjata** u ordna li l-anniversarju tal-konsagrazzjoni jibda jsir kull sena fit-tielet Ħadd ta' Ottubru.

B'tifkira tal-konsagrazzjoni, il-patrijiet fid-29 ta' Ottubru 1917, qiegħdu rħama fil-knisja b'kitba bil-Latin, xogħol Dun Franġisk Sciberras DD.

Il-pirjol tal-**Kunvent Dumnikan tal-Lunzjata tal-Birgu** P. Alfonz Spiteri O.P.,fl-1918, ried iwaqqaf fil-**Knisja Dumnikana tal-Lunzjata** fratellanza ġdida msejħa ***Pia Unione*** tal-Mewt ta' San Ġużepp għall-agonizzanti ta' kuljum. Wara li qala' l-awtorizzazzjoni ta' Mons. Arċisqof, affiljaha mal-Primarja ta' Ruma. P. Fonz stieden lil Mons. Portelli biex jinawguraha solenniment. Mons. Portelli, flimkien mal-Provinċjal P. Bernard Grech O.P., fl-24 ta' Ġunju, preżenta l-membri kollha tal-komunità tal-Birgu u folla kbira ta' devoti, wara li qara d-digriet tat-twaqqif iffirmat minn Mons. Arċisqof Caruana fit-2 ta' Marzu 1918, għamel diskors biex jispjega l-għan ta' din l-Għaqda l-ġdida.

Il-patrijiet tal-Birgu ċċelebraw is-**VII Ċentinarju tal-mewt tal-Patrijarka Missierna San Duminku ta' Guzman** sena wara dawk tal-Belt, mill-24 ta' Ġunju sat-2 ta' Lulju, b'solennità xejn inqas minn dik tal-Belt. Il-patrijiet għażlu Kumitat Onorarju magħmul il-biċċa l-kbira mill-aqwa nies tal-Kottonera taħt il-Presidenza ta' l-Imħallef Dr.

G. Cremona LL.D., Kumitat Eżekuttiv taħt il-Presidenza tal-Pirjol, P. Ġwann Cremona O.P., magħmul minn xi nies prominenti mill-Birgu u Sottu-Kumitat magħmul min-nies tagħna, nies ta' l-arti u tas-sengħa.

Mons. Portelli, nhar il-Ħadd, 25 ta' Ġunju, fetaħ il-festi b'quddiesa. L-għada, it-Tnejn wara nofsinhar, għamel it-Traslazzjoni solenni tar-relikwa, l-Għasar solenni u ta l-Barka Sagramentali. Nhar it-Tlieta, 27 tax-xahar, Mons. Portelli qaddes quddiesa Pontifikali solenni bl-orkestra taħt it-tmexxija tas-Surmast Paolino Vassallo. Nhar is-Sibt wara nofsinhar u l-Ħadd filgħodu, ippontifika Mons. Arċisqof assistit mill-Kapitlu tal-Katidral. Wara nofsinhar, għalaq il-festi Mons. Portelli li mexxa l-purċissjoni ta' l-aħħar, intona t-***Te Deum*** u ta l-Barka. Għal din l-okkażjoni kienu kixfu rħama fuq il-bieb ta' barra tal-knisja, illum din l-irħama tinsab imwaħħla mal-ħajt fil-kjostru tal-kunvent.

Id-**Dumnikani tal-Birgu**, biex ifakkru l-festi kbar li għamlu fl-1922, qatgħuha li jibnu l-koppla tal-knisja **Dumnikana tal-Lunzjata**. Il-Periti kienu kull darba jaqtgħu qalbhom minħabba li l-erba' pilastri maġġuri kienu sottili ħafna. Kemm proġetti saru! X'uħud issuġġerew li jibnuha ta' l-injam, oħrajn ta' l-azzar u oħrajn ta' l-aluminju. Fl-aħħar tfaċċa l-Pirjol qalbieni P. Alfonz Spiteri O.P. li waħħalha f'rasu li jtellagħha b'mod jew ieħor. Qabel miegħu l-bravu perit tal-Birgu, Gustav Soler fejn għażlu mgħallem mill-aqwa, Wiġi Vella minn Għawdex. Il-koppla kienet lesta u kixfiha u berikha Mons. Portelli, nhar il-Ħadd, 23 ta' Awissu ta' l-1924. Wara li tkellmu l-Avukat Serafin Vella LL.D., **President ta' l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own** u P. Klement Portelli O.P., l-Isqof Portelli għamel kelmtejn ta' għeluq fejn qal li hu, meta kien Pirjol fl-1883, kien tħajjar jibniha l-koppla, imma ltaqa' ma' l-istess diffikultajiet li ltaqgħu magħhom l-oħrajn. Għalhekk dakinhar ried irodd ħajr lil Alla għax qabel ma jmut tah il-grazzja jara b'għajnejh imwettqa waħda mix-xewqat kbar ta' ħajtu.

Waqt it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompej ta'



*Il-Funeral ta' l-Isqof Mon. Angelo Portelli O.P.*

Tas-Sliema, minn Mons. Isqof Portelli fl-1922, l-abbatini tal-**Knisja Dumnikana tal-Birgu** għamlu s-servizz ta' l-altar.

F'Ottubru tas-sena 1926 huwa rtira mill-kariga tiegħu minħabba saħħtu. Kien il-Ħadd, 19 ta' Ġunju 1927, fil-**Knisja Dumnikana tal-Lunzjata tal-Birgu** kienu qed jiċċelebraw is-**Solennità ta' *Corpus Christi*.** Dak iż-żmien kienet id-drawwa li wara l-purċissjoni filgħodu, l-istudenti u l-patrijiet tar-Rabat f'nofsinhar joqogħdu jieklu l-Birgu, biex wara nofsinhar imorru l-Belt għall-purċissjoni ta' filgħaxija. Kienu waslu fi tmiem il-pranzu x'ħin il-Pirjol P. Alfons Spiteri wasallu l-messaġġ tal-mewt ta' Mons. Portelli fl-età ta' 75 sena. Dak il-ħin stess ħallew kollox, qamu mill-mejda u qalu flimkien id-***De Profundis*** għal ruħu.

Mons. Portelli, fit-testment tiegħu ħalla mniżżel li ried funeral sempliċi ta' Patri Dumnikan. Għalhekk, il-katavru ġie mlibbes il-libsa bajda u l-kappa sewda bil-berettin vjola u s-Salib Pettorali. Dakinhar stess li miet, il-katavru ġie ttrasportat fl-oratorju tad-Duttrina. Il-funeral sar jumejn wara, it-Tlieta, 21 ta' Ġunju 1927, fid-9 ta' filgħodu fil-Bażilka ta' San Duminku tal-Belt. Fil-5 ta' wara nofsinhar sar it-trasport tal-katavru mill-knisja ta' San Duminku sal-Bombi. Id-difna saret fil-kripta taħt l-altar maġġur fil-qabar numru 3 fil-Knisja Dumnikana tal-Madonna ta' l-Għar ir-Rabat.

Fit-Testment tiegħu lill-**Knisja Dumnikana tal-Lunzjata tal-Birgu**, fejn darba kien student u Pirjol, Mons. Portelli ħallielha Salib Pettorali tad-deheb b'għad ta' tupazji kbar imdawrin bid-djamanti, biex jagħmluh kruċċetta (salib) għal fuq it-tabernaklu tal-knisja u rużeta pariġġu għall-ostensorju ta' **San Duminku**.

**Referenzi:**
*L-Isqof li ħabbu kulħadd* ta' P. Filipp Mallia O.P., S.Th.M.
*Il-Ħajja ta' Mons. G. Depiro* ta' Lino Grech
*Herigate Nru. 13* ta' Philip Mallia



Qaliet Street,
Marsascala
The best for those who frequent bars.